A.L. 169 ta' l-1989

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' Standard Nazzjonali ta' l-1989 dwar Żieda fil-Paga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tax-Xogħol, għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-1989 dwar Żieda fil-Paga, u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1990. Titolu u bidu fis-seħħ.

2. F'dan l-ordni — Tifsir.

"Att" tfisser l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg; Kap. 135.

"*increment* ordinarju" tfisser żieda fil-paga annwali jew perjodika li impjegat huwa intitolat għaliha biex javvanza minn punt għall-ieħor ta' skala ta' paga stabbilita minn qabel;

"impjegat *whole-time*" għandu jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha f'kondizzjonijiet ta' l-impieg magħrufa skond l-artikolu 10 ta' l-Att.

3. B'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1990, kull prinċipal għandu jżid il-paga ta' kull impjegat *whole-time* li jkun impjegat miegħu b'mhux inqas minn Lm3 fil-ġimgħa: Żieda fil-paga.

Iżda, f'dawk il-każi meta ftehim li jkun ġa ntlaħaq fl-1 ta' Jannar, 1990 ġa jipprovdi għall-ħlas ta' żieda fil-paga ta' inqas minn Lm3 fil-ġimgħa lil impjegati *whole-time* f'xi data matul l-1990 b'mod ieħor li ma jkunx dak ta' *increments* ordinarji, jew b'konsegwenza ta' *regrading*, il-prinċipal jenħtieġ iħallas biss iż-żieda miftehma u d-differenza, jekk ikun hemm, sabiex iġġib iż-żieda msemmija ta' Lm3 fil-ġimgħa b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1990.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni ma għandhomx japplikaw meta ftehim ikun jipprovdi għal żieda ta' mhux inqas minn Lm3 fil-ġimgħa b'seħħ minn xi data matul l-1990, sakemm Lm3 fil-ġimgħa minn dik iż-żieda miftehma titħallas b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1990. Riżerva.